

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2014/685/PESK****tad-29 ta' Settembru 2014****li temenda l-Azzjoni Konġunta 2008/124/PESK dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo <sup>(1)</sup> EULEX KOSOVO**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 28, l-Artikolu 42(4) u l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fl-4 ta' Frar 2008, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2008/124/PESK <sup>(2)</sup>.
- (2) Fit-8 ta' Ġunju 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/322/PESK <sup>(3)</sup>, li emendat l-Azzjoni Konġunta 2008/124/PESK u estendietha għal perijodu ta' sentejn sal-14 ta' Ġunju 2012.
- (3) Fil-5 ta' Ġunju 2012, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2012/291/PESK <sup>(4)</sup>, li emendat l-Azzjoni Konġunta 2008/124/PESK u estendietha għal perijodu ta' sentejn sal-14 ta' Ġunju 2014.
- (4) Fit-12 ta' Ġunju 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/349/PESK <sup>(5)</sup> li temenda l-Azzjoni Konġunta 2008/124/PESK u li testendiha għal perijodu ta' sentejn sal-14 ta' Ġunju 2016, u li tipprevedi ammont ta' referenza finanzjarja għall-perijodu mill-15 ta' Ġunju 2014 sal-14 ta' Ottubru 2014.
- (5) L-Azzjoni Konġunta 2008/124/PESK għandha tiġi emendata biex tipprevedi ammont ġdid ta' referenza finanzjarja maħsub sabiex ikopri l-perijodu mill-15 ta' Ottubru 2014 sal-14 ta' Ġunju 2015.
- (6) Fil-qafas tal-mandat tagħha u f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà tat-2 ta' Settembru 2014, EULEX KOSOVO għandha tipprovdi wkoll appoġġ għal proċedimenti ġudizzjarji kriminali rilokati fi Stat Membru, soġġett għall-konklużjoni tal-arranġamenti legali kollha meħtieġa biex jiġu koperti l-istadji kollha ta' dawn il-proċedimenti.
- (7) EULEX KOSOVO ser titmexxa fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiddeterjora u li tista' timpedixxi l-ksib tal-oġġettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni kif stabbiliti fl-Artikolu 21 tat-Trattat,
- (8) L-Azzjoni Konġunta 2008/124/PESK għandha għalhekk tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Azzjoni Konġunta 2008/124/PESK hija b'dan emendata kif ġej:

- (1) Jiżdied l-Artikolu li ġej:

*"Artikolu 3a***Proċedimenti ġudizzjarji rilokati**

1. Għall-finijiet tal-qadi tal-mandat tagħha, inklużi r-responsabbiltajiet eżekuttivi tagħha, kif jinsabu fl-Artikolu 3(a) u (d), EULEX KOSOVO għandha tappoġġa l-proċedimenti rilokati fi Stat Membru, sabiex jiġu proċessati u jiġu ġudikati l-akkużi kriminali li jirriżultaw mill-investigazzjoni tal-allegazzjonijiet li tqajmu f'rapport bl-isem 'It-trattament inuman ta' persuni u t-traffikar illeċitu ta' organi tal-bnedmin fil-Kosovo' li nħareġ fit-12 ta' Diċembru 2010 mir-Relatur Speċjali għall-Kumitat dwar l-Affarijiet Legali u d-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa.

<sup>(1)</sup> Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għal pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244(1999) u mal-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni ta' indipendenza tal-Kosovo.

<sup>(2)</sup> Azzjoni Konġunta 2008/124/PESK tal-4 ta' Frar 2008 dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo (EULEX KOSOVO) (ĠU L 42, 16.2.2008, p. 92).

<sup>(3)</sup> Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/322/PESK tat-8 ta' Ġunju 2010 li temenda u testendi l-Azzjoni Konġunta 2008/124/PESK dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo, il-EULEX KOSOVO (ĠU L 145, 11.6.2010, p. 13).

<sup>(4)</sup> Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/291/PESK tal-5 ta' Ġunju 2012 li temenda u testendi l-Azzjoni Konġunta 2008/124/PESK dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo, EULEX KOSOVO (ĠU L 146, 6.6.2012, p. 46).

<sup>(5)</sup> Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/349/PESK tat-12 ta' Ġunju 2014 li temenda l-Azzjoni Konġunta 2008/124/PESK dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo, EULEX KOSOVO (ĠU L 174, 13.6.2014, p. 42).

2. L-imħallfin u l-prosekuturi responsabbli mill-proċedimenti għandu jkollhom indipendenza u awtonomija sħaħ fil-qadi ta' dmirijiethom.”.

(2) Fl-Artikolu 8(2), tiżdied is-sentenza li ġejja:

“L-Imħallfin u l-Prosekuturi ta' EULEX KOSOVO għandu jkollhom l-ogħla kwalifika professjonali meħtieġa għal-livell jew il-kumplessità tal-materja mressqa quddiemhom u għandhom jinħatru wara proċess ta' għażla indipendenti.”.

(3) Fl-Artikolu 16(1), il-paragrafu finali hu sostitwit b'dan li ġej:

“L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa ta' EULEX KOSOVO mill-15 ta' Ottubru 2014 sal-14 ta' Ġunju 2015 għandu jkun ta' EUR 55 820 000.

L-ammont ta' referenza finanzjarja għall-perijodu sussegwenti għal EULEX KOSOVO għandu jiġi deċiż mill-Kunsill.”.

(4) Fl-Artikolu 18 jiżdied il-paragrafu li ġej:

“5. L-awtorizzazzjoni mogħtija lir-Rappreżentant Għoli biex jirrilaxxa lil partijiet terzi u lill-awtoritajiet lokali kompetenti informazzjoni u dokumenti klassifikati tal-UE ġġenerati għall-finijiet ta' EULEX KOSOVO skont il-paragrafi 1 u 2 m'għandhiex testendi għal informazzjoni miġbura jew dokumenti ġġenerati għall-fini tal-proċedimenti ġudizzjarji li jsiru fil-qafas tal-mandat ta' EULEX KOSOVO. Dan ma jżommx milli tiġi rilaxxata informazzjoni mhux sensitiva marbuta mal-organizzazzjoni amministrattiva jew l-effiċjenza tal-proċedimenti.”.

(5) Fl-Artikolu 20, it-tieni paragrafu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“Hija għandha tiskadi fl-14 ta' Ġunju 2016. Il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi fuq proposta mir-Rappreżentant Għoli, u jqis is-sorsi ta' finanzjament kumplimentari kif ukoll il-kontribuzzjonijiet minn imsieħba oħra, għandu jieħu d-deċiżjonijiet meħtieġa sabiex jiġi żgurat li l-mandat ta' EULEX KOSOVO b'appoġġ għall-proċedimenti ġudizzjarji rilokati msemmijin fl-Artikolu 3a u l-mezzi finanzjarji meħtieġa relatati jibqgħu fis-seħħ sakemm dawn il-proċedimenti ġudizzjarji jkunu ġew konklużi.”.

#### Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Settembru 2014.

Għall-Kunsill

Il-President

S. GOZI